# LECTIO DIVINA

# IT-XXX ĦADD MATUL IS-SENA (A)

**Mt 22, 34-40**

Ikomplu l-mistoqsijiet u d-diskussjoni ma' Ġesù fit-Tempju: id-dixxipli tal-Fariżej li staqsewh dwar il-ħlas tat-taxxa imperjali "stagħġbu, ħallewh u telqu" (22,22), u warajhom ġew is-Sadduċej li jistaqsu dwar il-qawmien mill-imwiet. Għar-risposta ta' Ġesù, in-nies ikollhom reazzjoni simili (cfr., 22,33), u din id-darba jiġu l-Fariżej infushom u jingħaqdu mas-Sadduċej biex jistaqsuh. Din hi l-aħħar mistoqsija li l-Fariżej jagħmlu lil Ġesù. Dritt wara, ikun Ġesù nnifsu li jistaqsihom dwar bin min hu l-Messija, u quddiem it-tweġiba kuntradittorja li jagħtu "ħadd ma seta' jwieġbu, u anqas ma kellu ħadd il-ħila jistaqsih iktar minn dakinhar" (22,46). Hija ċara l-figura ta' Ġesù bħala Mgħallem koerenti u konvinċenti f'Iżrael.

Interessanti li Mattew iqiegħed din is-silta f'kuntest ta' polemika. F'Mark naraw li l-kittieb li jistaqsi din il-mistoqsija lil Ġesù għandu intenzjoni tajba, jaqbel miegħu, u jiġi mfaħħar minn Ġesù ("mintix 'l bogħod mis-Saltna ta' Alla" {cfr., *Mk* 12,28-34}). F'Luqa din il-mistoqsija hija l-preludju għall-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb, li tiżviluppa fl-eżortazzjoni etika "Mur u agħmel hekk int ukoll" (cfr., *Lq* 10, 25-37). L-istess mistoqsija twassal għal riżultati differenti, minħabba l-intenzjonijiet differenti ta' min qed isaqsi.

**F'dak iż-żmien, il-Fariżej, meta semgħu kif lis-Sadduċej kien saddilhom ħalqhom, inġabru madwaru, u wieħed minnhom, għaref fil-Liġi, għamillu din il-mistoqsija biex iġarrbu**

Il-Fariżej u s-Sadduċej, li t-tnejn li huma kienu tilfu l-argumenti ta' qabel, jingħaqdu flimkien kontra Ġesù, bħalma kien ġara meta talbuh sinjal mis-sema (cfr., *Mt* 16,1-4). Fl-oriġinal Mattew jgħid li "ltaqgħu fl-istess post", ripetizzjoni kelma b'kelma ta' *Salm* 2,2 ("Is-Slaten tal-art iqumu, u l-kbarat jiftiehmu bejniethom kontra l-Mulej u l-Midluk tiegħu"). Il-konnotazzjoni messjanika hija mill-iktar ċara għall-qarrej Lhudi, u tkompli tiġi ikkonfermata fid-djalogu ta' wara dwar jekk il-Messija hux sempliċiment bin David (din id-darba b'riferenza għal *Salm* 110). L-identità tal-Messija bħala xi ħadd li jrid jaffronta provi u komplotti biex iġarrbuh, imma f'dan il-waqt kritiku jagħti lid-dixxipli l-programm ta' kif għandhom igħixu. Dak li jintgħażel

biex jaffrontah huwa *nomikos* (għaref tal-Liġi), xi ħadd li bl-awtorità teoloġika tiegħu jista' jitfa' iktar pressjoni fuq Ġesù.

**"Mgħallem liema hu l-kmandament il-kbir fil-Liġi?"**

Għalkemm il-klassifikazzjoni ta' 613-il preskrizzjoni tat-*Torah* – 248 kmand u 365 projibizzjoni – ġiet iddefinita fit-II seklu w.K., fi żmien Ġesù din l-attività kienet diġa bdiet. Kien hemm min jiddiskuti dwar liema huma dawk il-karatteristiċi li jagħżu bejn kmandamenti kbar u oħrajn inqas importanti, iżda kien hemm min isostni – bħar-rabbini – li "dak li hemm miktub" huwa kollu mogħti minn Alla u allura għandu jiġi imħares bl-istess mod. Dawn kienu jittrattaw it-*Torah* b'mod formali: kulma hemm fiha huwa awtomatikament liġi u l-preskrizzjonijiet huma kollha ugwali u japplikaw bl-istess gravità. Il-mistoqsija tal-għaref tal-Liġi lil Ġesù għandha l-intenzjoni li timplika lil Ġesù f'din il-polemika, u li twassal imbagħad għall-mistoqsija b'liema awtorità hu (li mhux kittieb) jazzarda jikklassifika l-liġi divina. Imma apparti l-iskop polemikuż tagħha din il-mistoqsija tirrifletti tfittixija ġenwina għal dak li essenzjali fir-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla. L-għadd kbir ta' preskrizzjonijiet u l-estensjoni tat-tagħrif reliġjuż jistgħu jkunu ta' tfixkil, u għalhekk il-bniedem reliġjuż għandu jżomm quddiem għajnejh formoli qosra li jiġbru fi ftit kliem il-fidi tiegħu u dak li jixtieq igħix.

**Qallu Ġesù: "Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu. Dan hu l-kmandament il-kbir u l-ewwel wieħed.**

Għandna kwotazzjoni kważi identika ta' *Dt* 6,5. Dawn huma l-kelmiet li l-Lhud kienu jqiegħdu fit-*tefillin*/filatteri, kif indikat dritt wara dan il-vers: "U jkunu dawn il-kelmiet, li jien sa nordnalek illum, f'qalbek; idaħħalhom f'moħħ uliedek u titkellem fuqhom [...] u torbothom bħal sinjal ma' idek u ddendilhom bejn għajnejk" (*Dt* 6,6-8). Ġesù nnifsu jinnota li l-Fariżej "jagħmlu filatteri wesgħin u ġmiemen twal" (*Mt* 23,5). Li l-Lhudi jkollu l-filatteri bix-*Shema Israel* (*Dt* 6,4-5) il-jum kollu quddiem għajnejh suppost ikun għalih ta' tifkira kontinwa fl-iktar kmandamenti importanti. Ġesù jfakkar lill-Fariżej li dak li allegatament kienu qed ifittxu u jiddiskutu dwaru hu daqshekk qrib tagħhom u aċċessibli għalihom.

Alla għandu jkun fiċ-ċentru tal-ħajja tal-individwu. Il-qalb, ir-ruħ, u l-moħħ huwa t-tliet fakultajiet li jindikaw il-bniedem sħiħ. L-imħabba ta' Alla hija tali meta hemm konċentrazzjoni tal-esseri sħiħ li twassal lill-bniedem biex ikun sintonizzat kollu kemm hu fuq Alla. Hija ħaġa diffiċli għall-bniedem, kważi surreali. Iżda qabel xejn hemm l-eżempju ta' Alla nnifsu li jqawwi qalb il-bniedem: "Aħna nħobbu, għax hu ħabbna l-ewwel" (*1 Ġw* 4,20).

Ta' min jinnota li Ġesù jibdel kelma hu u jikkwota: f'*Dt* 6,5 naqraw "b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, bil-qawwa tiegħek kollha", filwaqt li hawn il-kelma "qawwa" (*dunamis*) tinbidel għal "moħħ" (*dianoia*). L-aspett tal-qawwa kien jiġi mifhum fis-sens ta' kemm wieħed jirnexxielu jagħmel għal Alla (ir-rabbini kienu jintepretaw bħala disponibilità ekonomika għal Alla). Ġesù jdaħħal floku l-element razzjonali: flimkien mas-sentimenti u r-rieda, Alla jiġi maħbub ukoll bl-intelliġenza, il-*consciousness* (li wieħed ikun "moħħu hemm" f'dak li qed jagħmel, iktar milli l-kwantità ta' dak li jagħmel).

**U t-tieni jixbhu: "Ħobb lil għajrek bħalek innifsek".**

Kwotazzjoni oħra, din id-darba minn *Lev* 19,18: "La titħallasx u la tbejjitx f'qalbek 'l ulied il-poplu tiegħek, imma ħobb lil għajrek bħalek innifsek; jiena l-Mulej". Il-kelma "jixbhu" kif imqiegħda minn Mattew (differenti minn *Mk* 12,31) tfisser li t-tieni kmandament mhux biss simili għall-ewwel wieħed minħabba l-kontenut (l-imħabba fil-ċentru) imma jixbhu wkoll fl-importanza tiegħu. Għalhekk nistgħu ngħidu li fir-realtà m'għandniex żewġ kmandamenti imma żewġ partijiet ta' unità li ma tistax tiġi mifruda. L-esiġenza diffiċli li wieħed jikkonċentra l-forzi kollha tiegħu fuq Alla tiġi konkretizzata fl-imħabba tal-proxxmu, xi ħaġa li l-Knisja tal-bidu tkompli tapprofondixxi: "Jekk xi ħadd jgħid li jħobb 'l Alla u jobgħod lil ħuh hu giddieb. Għax jekk wieħed ma jħobbx 'il ħuh li jarah, ma jistax iħobb 'l Alla li ma jarahx." (*1 Ġw* 4,20) L-imħabba ta' Alla qatt ma hi xi ħaġa intimistika jew diretta, imma sseħħ biss bil-medjazzjoni tal-proxxmu tiegħi. L-imħabba tal-proxxmu hija l-kejl ta' kemm jien qed inħobb lil Alla. Il-Lhud kien għadhom ma waslux għall-idea li l-bniedem għandu jkollu mal-ieħor l-istess atteġġjament li juri ma' Alla. (Filun ta' Lixandra jikteb xi ħaġa simili għal ta' Ġesù, imma jżomm id-differenza bejn l-atteġġjament lejn Alla – *eusebeia* – u lejn il-bniedem – *filantropia*).

**Dawn iż-żewġ kmandamenti huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti**

Traduzzjoni iktar eżatta tista tkun: "Minn dawn iż-żewġ kmandamenti jiddependu l-Liġi kollha u l-Profeti". Għal-Lhud il-Liġi u l-Profeti huma s-sintesi ta' dak li Alla irrivela lill-bniedem u qed jitlob minnu. Allura kif il-Liġi u l-Profeti huma espressjoni tal-imħabba ta' Alla għall-bniedem, hekk ukoll l-imħabba għandna tkun l-uniku kriterju li bih il-bniedem japplika dak li hemm miktub fihom. L-għarfien tal-kmandament il-kbir fil-Liġi ma jfissirx li issa l-preċetti l-oħra kollha ġew fix-xejn (xi wħud minnhom fir-realtà jsiru iktar radikali), jew inkella li min josserva l-imħabba awtomatikament qed josserva l-preċetti kollha. Dan f'kontinwità ma' dak li Ġesù kien diġa qal: "Ngħidilkom is-sewwa, qabel ma jgħaddu s-sema u l-art, ma titneħħiex mil-Liġi l-iżgħar ittra jew tikka waħda sa ma jseħħ kollox." (*Mt* 5,18). Filwaqt li "kulma hemm

miktub" jibqa', tinbidel l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tiegħu, xi ħaġa li Ġesù beda jwettaq fil-ministeru tiegħu (cfr., *Mt* 5, 21-48; 12, 1-13; 19, 3-12). Wieħed ma jibqax jħares lejn il-Liġi bħala opportunità biex jafferma lilu nnifsu fuq ħaddieħor (bħalma kienu jagħmlu l-Fariżej) jew biex jikkuntenta lil Alla b'osservazzjoni formali, imma bħala aspett privileġġjat tar-relazzjoni tiegħu ma' Alla. L-imħabba twassal biex wieħed jgħix l-esiġenzi ta' Alla b'iktar normalità u awtentiċità.